MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 339/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Desmond Scerri**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Desmond Scerri bin Angelo u Mary nee` Gerada, imwieled nhar l-14 ta’ Settembru, 1971, residenti fil-fond Sydney Court, Flat 6, Triq Raymond Caruana, Ghajnsielem, Ghawdex, jew Mozzarella’s Restaurant, ix-Xatt ta’ Qui si Sana, Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita` 406371M, u cioe` talli:

(**1**) mis-7 ta’ Lulju, 2004 sal-lum 26 ta’ Lulju 2007 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas li jhallas il-manteniment dovut

lil Michelle Scerri ghaliha u/jew ghall-wild minuri, ghas-somma ta' Lm2,980.00, liema manteniment huwa dovut skond kuntratt ta' separazzjoni maghmul fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Robert John Muscat, u datat 7 ta' Lulju 2007; u aktar

(**2**) talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Silvio Meli LL.D.

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Desmond Scerri mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh, u minnha lliberatu, izda sabitu hati skond l-ewwel (1) imputazzjoni, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur skond ma jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, u barra minn hekk ordnatlu jhallas is-somma ta' Lm2,795 [lil Martu] fi zmien sitt xhur, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 24 tal-imsemmi Kap 446;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Desmond Scerri, minnu prezentat fid-9 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah ukoll mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li huwa ma nghatax l-opportunita` li jixhed quddiem l-ewwel qorti. Ghalkemm mill-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007 quddiem l-ewwel qorti ma jirrizultax li l-appellant offra d-deposizzjoni tieghu, din il-Qorti ppruvat tara, permezz tad-deposizzjonijiet ta' l-Ispettur Louise Calleja u tas-Surgent 1454 Dr. Jason Grima, x'gara ezattament f'din l-udjenza, izda dawn iz-zewg xhieda ma setghu jitfghu ebda dawl dwar jekk l-appellant kienx offra d-deposizzjoni tieghu, jew jekk kienx hemm xi irregolarita` kif allegat mill-abbili difensur tieghu Dott. Anna Mallia. Mid-deposizzjoni ta' l-istess appellant, pero`, jidher li l-appellant ma ddeponiex quddiem l-ewwel qorti ghax il-Magistrat li kien qed jippresjedi, kif appena xehdet mart l-appellant, mill-ewwel

ghadda ghas-sentenza minghajr ma staqsa lill-istess appellant jekk kienx sejjer jixhed. Ghalhekk, konformement mal-verbal kif registrat fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008, din il-Qorti mhux biss ippermettiet lill-appellant biex jixhed, izda sejra wkoll tiehu in konsiderazzjoni d-deposizzjoni tieghu ghall-finijiet tal-meritu ta' dana l-appell.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li, kuntrarjament ghal dak allegat fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu ma kien hemm ebda kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' Lulju 2007. Effettivament il-kuntratt igib id-data 7 ta' Lulju **<u>2004</u>**. Dana l-izball – evidentement wiehed ta' dattilografija – b'ebda mod ma seta' jippregudika lill-appellant. Apparti li hu evidenti li biex wiehed jirreklama hlas ta' manteniment, skond kuntratt, mis-7 ta' Lulju 2004 bil-fors li l-kuntratt sar jew f'dik id-data jew f'gurnata <u>qabel</u> dik id-data u mhux kwazi tlett snin <u>wara</u>, l-appellant kien jaf ben tajjeb li kuntratt ta' separazzjoni kien hemm wiehed biss, u kien jaf ukoll li dan kien il-kuntratt tas-7 ta' Lulju 2004, maghmul quddiem in-Nutar Robert John Muscat, u li kopja tieghu giet ezibita *animo ritirandi* fl-atti ta' dana l-appell. Ghalhekk dana l-aggravju hu infondat.

It-tielet aggravju, li jincidi aktar direttament fuq il-meritu, hu li ebda ammont kif reklamat ma hu dovut. In partikolari l-appellant ighid li "qatt ma saret interpellazzjoni mill-kwerelanti matul dawn l-ahhar erba' snin sabiex ihallas il-manteniment fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond il-kuntratt, kellu jithallas dak il-manteniment". Dana l-aggravju, in kwantu jirreferi ghall-interpellazzjoni, hu infondat. Il-ligi ma tirrikjedi ebda interpellazzjoni, la b'ittra ufficjali u lanqas b'xi mod iehor, biex jiskatta l-obbligu ta' min ghandu jhallas il-manteniment biex dan (jew din) ihallas (jew thallas) l-istess. L-obbligu jemani mill-istess kuntratt jew, f'kaz ta' ordni ta' qorti, mill-istess ordni. Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel qorti huwa fir-rigward ta' l-ammont li ghandu jithallas <u>ghall-periodu inkriminat</u>.

Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2008, l-abbili difensur ta' l-appellant eccepiet il-preskrizzjoni fir-rigward tal-pagamenti li huma l-aktar antiki, peress li "f'dan il-kaz ma hemmx reat

kontinwat u/jew fi kwalunkwe kaz il-kontinwat gie interrott". Mill-kumpless tal-provi, pero`, din il-Qorti ma taqbilx. Hawn ghandna kaz ta' persuna – l-appellant – li mill-bidu nett, kif appena skatta l-ewwel obbligu ghall-hlas, iddecieda li jhallas meta jiddeciedi hu, u fl-ammont li jiddeciedi hu. Dan, fil-fehma tal-Qorti, hu bizzejjed biex jikkonkretizza ir-rizoluzzjoni wahda li hi mehtiega ghall-finijiet ta' l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 691(1) tal-imsemmi Kodici, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija infondata.

Kif inghad, din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma, wara li ghamlet il-konteggi a bazi tad-dokumenti ezibiti, li ghall-periodu inkriminat – ghax huwa dak il-periodu biss li jinteressa lill-Qorti u mhux xi periodi jew arretrati ta' qabel jew ta' wara dak il-periodu – l-ammont li l-appellant naqas li jhallas huwa ta' Lm1,475 (Ewro: 3,435.82) u mhux Lm2,795. S'intendi, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 24 tal-Kap. 446 dan l-ammont qed jigi kkalkulat bla pregudizzju ghall-kwalsiasi ammont iehor, anke ghall-istess periodu, li jista' jigi reklamat bi proceduri gudizzjarji ohra (ara l-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 24).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss fejn ordnat lil Desmond Scerri jhallas is-somma ta' Lm2,795 lill-martu, u minflok tordnalu jhallasha s-somma ta' Ewro 3,435.82; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Iz-zewg termini ta' sitt xhur jibdew jiddekorru mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------